**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 10 ta' Marzu 2016**

**Pulizija**

**Spettur Frank Anthony Tabone**

**Vs**

**Nurton Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Nurton Borg ta'19-il sena iben Paul u Maria Anna nee' Micallef, imwieled il-Pieta' Malta, nhar is-16 ta' April 1996, residenti 'Les Camilles' Flat 1, Triq Tal-Qroqq , Msida malta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 185796M.

Talli nhar it-30 ta' Dicembru 2015 hekk ghal habta tas-satejn ta' filghodu (02:00hrs), gewwa Ta' Xbiex u f'postijiet ohra gewwa dawn il gzejjer:

1) Ikkommetta serq ta' zewg roti fost ohra min vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL724 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta, tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux

izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha y tletin centezmu (2329.37) ghad-detriment ta' Marcel Stafrace;

2) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra min Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u kif ukoll fil-granet ta' qabel f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dizpozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinenza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura , jew il- jforni d-drogi msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-dorga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jiprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdit fir-roglamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-10 ta' Marzu 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex

jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat li l-oggetti misruqa gew ritornati lis-sid taghhom qabel ma nbdew dawn il-proceduri;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 279(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u tordna li jitqieghed taht probation ghall-perijodu ta' sena, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**